MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Numru 416/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs.**

**KEVIN BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kevin Bugeja ta’ 19 il-sena, bin Francis u Jaqcueline nee’ Bugeja, imwieled Pieta’ fit-24/08/1989, residenti gewwa Flat 2, Sqaq ta’ Frakass, Blokk G, Ent. A, Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 509789M.

Billi huwa akkuzat talli nhar l-4 ta' Marzu 2009, ghal-habta ta' 13.30hrs, gewwa l-Bini tal-Qorti fil-Belt, Valletta,

1. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' Spettur Jesmond Borg, waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. u aktar talli fl-istess dsata, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' Spettur Jesmond Borg, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti minnu skond il-ligi.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-iSpettur Jesmond Borg u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu dwar l-akkadut mal-Ispettur Jesmond Borg presenti fl-Awla.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kevin Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputat, l-eta' tenera tal-imputat u l-fatt li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu dwar l-akkadut mal-Ispettur Jesmond Borg presenti fl-Awla u wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Kevin Bugeja ghall-piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Kevin Bugeja jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Kevin Bugeja b'obbligazzjoni personali ta' Elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma' l-Ispettur Jesmond Borg ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kevin Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------